Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 1 ta' Lulju 2022**
**(OR. en)**

**10632/22**

**CDR 84**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar membru supplenti, propost mir-Renju ta' Spanja, fil-Kumitat tar-Reġjuni<br>- Adozzjoni |

1. Permezz tal-ittra tal-24 ta' Mejju 2022, is-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat tar-Reġjuni għarraf lill-Kunsill bit-tmiem tal-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu s-Sur Carlos AGUILAR VÁZQUEZ, membru supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni, ġie propost għall-ħatra[1].

2. Skont l-Artikolu 305 TFUE, il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni jinħatru mill-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposti mill-Istati Membri rispettivi.

[1] 9685/22.

3. F'konformità ma' dik id-dispożizzjoni u għall-fini tas-sostituzzjoni tas-Sur Carlos AGUILAR VÁZQUEZ, il-Gvern ta' Spanja ippropona[2] lis-Sur Juan GARCÍA-GALLARDO FRINGS, rappreżentant ta' korp reġjonali li għandu mandat elettorali ta' awtorità reġjonali *Vicepresidente de la Junta de Castilla y León* (Viċi President tal-Gvern tal-Komunità Awtonoma ta' Castilla u León), bħala membru supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025.

3. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għaldaqstant mistieden jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta d-Deċiżjoni li tinsab fid-dokument 10630/22 bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.

---

[2] 10540/22.